MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Numru. 544/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Mohamed Ramadan**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 5 ta' Ġunju 2014 miġjuba fil-konfront ta` Mohamed Ramadan, numru tal-Pulizija 13X-21 fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-2 ta' Ġunju 2014 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Susanne Mgarkch liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ fuq il-mara tiegħu;

Talli l-istess lok, data u ċirkostanzi bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Susanne Mgarkch kontra l-volonta tagħha, liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ fuq martu;

Talli fl-istess lok, data u ċirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur fuq il-persuna ta' Susanne Mgarkch liema delitt huwa aggravat minħabba li seħħ fuq martu;

Talli fl-istess lok, data u ċirkostanzi ikkaġuna biża li ser tintuża vjolenza kontra l-mara tiegħu Susanne Mgarkch meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b'tali mġieba tiegħu huwa kien sejjer jikkaġuna lil ħaddieħor biża;

Talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar u/jew ħinijiet ta' qabel, ikkommetta ħarba mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu;

Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Ġustizzja Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Susanne Mgarkch u persuni oħra u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll li tipprovdi għas-sigurta tal-istess Susanne Mgarkch u l-familja tagħha ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' digriet mogħti nhar l-4 ta' Lulju 2014 (fol 117) din il-Qorti għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija[1] laqgħet it-talba tal-parte

[1] wara li semgħet lil parte civile tixhed ripetutament u titlob lil Qorti sabiex, ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u minkejja li seħħew ir-reati li jimplikaw

civile u ordnat li l-proċeduri kontra l-imputat fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jiġu mwaqfa mentri l-proċeduri kontemplati fit-tieni, l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet jissoktaw.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 4 t'Awissu 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Mohamed Ramadan fl-Artikoli 18, 86 u 87(1)(h), 151, 49 u 50, 383, 384, 385 u 412C, kif ukoll 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kienet iddikjarat li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu

vjolenza domestika kontra tagħha, jogħġobha twaqqaf il-proċeduri kontra żewġa fir-rigward ta' dawk ir-reati li kienu jimplikaw vjolenza domestika kontra tagħha.

jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll li matul is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 l-imputat, debitament assistit stqarr li kien ħati tat-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjoni.

Il-Qorti wara li bl-aktar mod solenni spjegatlu l-konsegwenzi li jitnisslu minn tali dikjarazzjoni inkluż li l-Qorti minħabba f'hekk setgħet tgħaddi biex tagħti piena skont il-Liġi li setgħet tkun waħda ta' natura karċerarja, u wara li tagħtu żmien biex jekk ried setgħet jerġa lura mill-istess ammissjoni, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu u fil-preżenza tal-interpretu nominat, għażel li jtenni l-ħtija tiegħu għar-reati hawn fuq imsemmija.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha mogħti matul l-istess seduta li permezz tiegħu ordnat li jitħejja rapport mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ippreżenta r-rapport pożittiv tiegħu.

Il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni imtennija tal-imputat fir-rigward tat-tieni, ħames u sitt imputazzjoni m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat Mohamed Ramadan ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Mill-banda l-oħra, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fosthom li l-imputat qiegħed issa wkoll jieħu ħsieb uliedu minuri, qieset li piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja. Fl-istat attwali tal-ħajja tal-imputat u fid-dawl tal-interess tas-soċjeta sabiex tassigura li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' kommissjoni ta' reati simili, il-Qorti tqis li jkun aktar opportun li minflok jerġa jintbagħat il-Ħabs, l-imputat jibbenefika minn perkors rijabilitattiv u t'intergrazzjoni fis-soċjeta Maltija permezz ta' ordni ta' probation u ta' servizz fil-komunita biex b'hekk irodd lura b'xogħlu lejn il-komunita il-ħsara kommessa għal ġid tagħha.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli 198, 207, 251B, 543(e) u 545(1) tal-Kodiċi Kriminali, nonche l-Artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, il-Qorti wara li laqgħet it-talba ta' Susżnne Mgarkch sabiex il-proċeduri kriminali kontra l-imputat imsemmija fl-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni jiġu mwaqqfa, konsegwentement qegħda tikkonferma l-ordni tagħha li l-

proċeduri kriminali kontra l-imputat imnissla mill-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni jieqfu u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

Inoltre, wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċioe' 18, 86 u 87(1)(h), 151, 49 u 50, 383, 384, 385 u 412C, kif ukoll 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tiddikjara lil Mohamed Ramadan, reċidiv f'delitti, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet numri tnejn, ħamsa u sitta miġjuba kontra tiegħu peress li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati Mohamed Ramadan taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Mohamed Ramadan jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati

fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqiegħed lill-istess Mohamed Ramadan taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Mohamed Ramadan bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Mohamed Ramadan.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Mohamed Ramadan kull sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------